**6 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D**

Emmanuel Tonna pr. et ne.

*versus*

Giuseppina Portelli et.

**Danni — Patrija Potestà — Dekadenza — Minuri — Art. 2124, 2143, u 889 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 782 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Tifel minuri ma jistax jagixxi jew ikun azzjonat f'ġudizzju ħlief fil-persuna ta' missieru, jew, fl-assenza ta' dan, fil-persuna ta' kuratur; u l-missier jiddekadi mid-drittijiet*

*tiegħu ta' patrija potestà fuq uliedu minuri, kompriża r-rapprezentanza ġudizzjarja tagħhom, jekk huwa ma jipprokurax kontra tiegħu nnifsu l-ipoteka legali akkordata favur it-tfal mil-liġi meta lil dawn jippervjenu xi beni li tagħhom huwa għandu d-dritt ta' amministrazzjoni; però, dan in-nuqqas ma jistax jiġi nvokat ħlief mill-istess tfal, jew mill-aventi kawża minnhom. Għaldaqstant, jekk f'kontinġenzi simili l-missier jaġixxi biex il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti minn dawk uliedu minuri bil-mewt ta' xi persuna li tagħha huma l-eredi, ma jistax jiġi mill-konvenut danneġġjant milqugħ bl-eċċezzjoni tan-nullità tal-azzjoni minnu proposta f'isem dawk it-tfal fuq l-allegat motiv tad-dekadenza tiegħu mill-patrija potestà fuq dawk it-tfal, apparti mill-kwistjoni jekk jiġix pruvat jew le li lill-dawk it-tfal ippervenew xi beni mill-eredità tal-persuna li mietet li tagħhom huwa għandu d-dritt ta' amministrazzjoni.*

*Lanqas hi attendibbli l-eċċezzjoni li t-tfal għadhom ma aċċettawx l-eredità tal-persuna li mietet u li inkonsegwenza tal-mewt tagħha l-missier jitlob id-danni f'isimhom, u li l-azzjoni ma tistax treġi qabel ma t-tfal jiddikjaraw li huma aċċettaw dik l-eredità; għax anki din l-eċċezzjoni tmiss lit-tfal innifishom, lill-eredi tagħhom, jew lill-aventi kawża minnhom, u mhux lit-terzi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha xierqa, peress illi l-attur kien jikri l-fond numru 19 St. Sebastian Street, Valletta, li huwa sovrappost u sottopost għall-fondi l-oħra numru 18 u 20 tal-istess trieq; u peress illi fit-13 ta' Ottubru 1957, għal xi t-3.45 a.m., waqt maltempata kkrolla l-bejt tal-fond numru 18, li jifforma s-saqaf tal-pjan superjuri tal-fond numru 18, immedjatament sottopost (fejn mietet Consiglia Talkongton), u minn hemm baqa' nieżel fil-fond numru 19, fejn mietu l-mara tar-rikorrent u żewġ uliedu Anthony u Rose Mary Tonna, u fejn l-imsemmija Dorothy Tonna sofriet xi feriti; u billi l-bejt imsemmi ċeda mħabba l-piż tal-ilma li nġabar fil-ponti ta' dan il-bejt u mħabba li t-travu tal-fond numru 20, li kien iżomm dik il-parti tal-bejt, kien

imxaqqaq, imżaqqaq u mgħerri, u ċeda *bil-piż — fatti li juru* li t-tiġrif kien dovut għall-istat ħażin tal-bejt u t-travi; u billi l-lokaturi tal-fond numru 18 (li tiegħu waqa' l-bejt) huma l-konvenuti Hili, li jamministraw il-fond għan-nom tal-eredità ta' John Cilia, u l-lokaturi tal-fond numru 20 (li fih ċeda *t-travu) u ta -fond sottopost numru 19 (fejn kienu* l-attur u l-familja tiegħu) huma l-konvenuti Giuseppina Portelli, Charles Borello u Paolina Scicluna; u billi l-imsemmija lokaturi ġew infurmati bil-ħsara msemmija u mit-*luba biex jirriparawha;* talab li l-konvenuti, jew min minnhom, (1) jiġu dikjarati responsabbli tal-ħasra msemmija, u konsegwentement tad-danni kollha sofferti mill-attur proprio et nomine in segwitu għall-maltempata fuq imsemmija; (2) jiġu likwidati l-imsemmija danni sofferti mill-istess atturi, u konsistenti fil-mewt ta' martu u ta' wliedu, fil-feriti sofferti minn bintu, u fit-telf ta' għamajjar u oġġetti oħra riżultanti fil-kawża, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi; (3) u l-istess konvenuti, jew min minnhom, ikunu kundannati jħallsu lill-attur proprio et nomine dik *is-somma li tiġi hekk likwidata. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxi-*jiet;

*Omissis;*

Rat il-verbal tal-21 ta' April 1959, minn fejn jidher li Dr. Magri, għall-konvenuta Giuseppina Portelli, jinsisti għall-qtugħ *taż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari* li huwa oppona għat-talba attriċi, u ċjoè:— (1) li l-attur ma ppruvax li huwa għamel l-attijiet meħtieġa sabiex *ikun reintegrat* fil-patrija potestà, u għalhekk ma jistax jaġixxi bħala leġittimu rappreżentant ta' wliedu minuri; (2) u li l-atturi aħwa Tonna ma jidherx li aċċettaw l-eredità ta' ommhom u ħuthom, li mietu fid-disgrazzja, u għalhekk ma jistgħux jagħmlu din il-kawża qabel ma jiddikjaraw il-kwalità tagħhom ta' eredi. Għal liema żewġ eċċezzjonijiet assoċjaw ruħhom Dr. Giuseppe Sacco għall-klijenti tiegħu, Dr. Spiridione Camilleri għall-klijenti tiegħu, u Dr. Victor Curmi għall-klijenta tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mid-depożizzjoni tal-attur jirriżulta li huwa, mal-mewt ta' martu u wliedu bl-aċċident imsemmi fl-att promotorju tal-ġudizzju, ma għamelx favur ta' wliedu, li għadhom "figli di famiglia", l-ipoteka legali msemmija fl-art. 2124 tal-Kodiċi Ċivili fiż-żmien indikat, bil-konsegwenzi msemmija fl-art. 2143 tal-istess Kodiċi; kif ukoll lanqas ma għamel dak li hemm maħsub fl-art. 889 tal-istess Kodiċi dwar l-eredità tal-omm u tat-tfal li mietu, fl-interess tat-tfal li qiegħed jidher għalihom; għalkemm fil-mori tal-ġudizzju saru l-attijiet in kwistjoni;

Illi, kwindi, il-fatti mhumiex in kontestazzjoni. Jibqa' però għal dil-Qorti teżamina u tiddirimi l-konsegwenzi legali li jitnisslu mill-aċċertament ta' dawk il-fatti;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 782 tal-Kap. 15, tifel minuri ma jistax jaġixxi in ġudizzju, jew ikun azzjonat, ħlief fil-persuna ta' missieru, jew, fl-assenza ta' dan ta' l-aħħar imsemmi, fil-persuna ta' kuratur. Issa, anki jekk jiġi "gratia argumenti" ammess li d-dispożizzjoni 176(e) tal-Kodiċi Ċivili (li tagħmel riferenza għad-dispożizzjoni tal-art. 2124 tal-Kodiċi Ċivili) tista' tiġi nvokata mit-terzi, bħal ma huma l-konvenuti, ebda prova ma saret li lill-mart u wlied il-mejta' tal-attur ippervenew xi beni li fuqhom kienet tispetta lill-missier l-amministrazzjoni, u li mħabba fihom huwa kien tenut jaċċendi l-inskrizzjoni ipotekarja kontemplata fl-art. 176(e) tal-Kodiċi Ċivili. Apparti dan però, huwa fatt legalment rikonoxxut (ara art. 161 tal-Kodiċi Ċivili), illi n-nuqqas tal-patrija potestà u effetti oħra, għalkemm jimporta nullità, eppure din l-istess nullità ma tistax tiġi nvokata ħlief mill-istess tfal, l-eredi tagħhom, u l-aventi kawża minnhom; l-għaliex tirrigwarda biss ir-relazzjonijiet bejn il-missierijiet u t-tfal, l-għaliex lit-terzi jinteressahom biss li l-ġudizzju jkun propost mit-tfal u kontra t-tfal (ara Appell 23 ta' No-

vembru 1888 "Antonia Borg et. vs. Felice Apap et.", Vol. XII, paġ. 78 u ta' wara);

Illi jingħad, inoltre, li l-ipoteka ġenerali fuq il-beni tal-axxendenti (missier) taċċendi ruħha mill-jum li lill-filji tal-familja jippervjenu l-beni li jkunu jidħlu taħt l-amministrazzjoni tal-missier, għar-responsabbiltà li timponilu l-liġi. Fil-fatt, fil-każ in diżamina l-instanti ebda obligazzjoni personali għad ma kkuntratta (u mingħajr obligazzjoni ma hemmx lok ta' ipoteka, li hija aċċessorja); l-għaliex ma jirriżultax li lill-minuri ppervenew xi beni; u fit-tieni lok l-għaliex huwa qiegħed jadixxi dawn it-tribunali sabiex jottjeni dikjarazzjoni ta' responsabbiltà biss, salv li l-quddiem, jekk it-talba tiegħu tkun akkolta favorevolment, jottjeni d-danni, f'liema każ allura jsorġi l-mument li bniedem jara r-responsabbiltà tal-missier għall-amministrazzjoni tad-danni ottenuti u r-relattiva inskrizzjoni ipotekarja sabiex jamministra s-somma ottenuta in linea ta' danni;

Illi anki dwar l-eċċezzjoni preliminari l-oħra, in-nullità konsegwenzjali tista' biss tiġi, skond l-art. 161 tal-Kodiċi Ċivili, invokata mit-tfal, eredi tagħhom jew aventi kawża, u mhux mit-terzi (ara P.A. Ċivili 29 ta' April 1881 in re "Vincenzo Camilleri ne. vs. Vittorio Camilleri", Vol. IX, p. 402, u part. paġ. 403 fine l-ewwel kolonna u bidu tieni kolonna);

Illi, apparti kollox, fil-mori tal-ġudizzju l-attur ġie reintegrat (ara digriet nru. 547/59 Sekond'Awla);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari konvenuti msemmija, bl-ispejjeż tal-inċident għall-konvenuti; u tqiegħed il-kawża għall-ulterjuri trattazzjoni tagħha għas-16 ta' Mejju 1959, fid-9 a.m.